MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2007

Appell Civili Numru. 238/2001/1

**Joseph u Maria Cauchi**

**v.**

**Taha Husseim Kuynizakir sive Kuymizakis**
**f'ismu proprju u wkoll bhala mandatarju ta' l-assenti**
**Hamdi Abdul Al Tulti**

**Il-Qorti:**

## I. IS-SENTENZA APPELLATA

1. Dan huwa appell maghmul minn Hamdi Abdul Al Tulti, minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta’ Gunju 2004 u li biha l-istess konvenut gie kkundannat ihallas is-somma ta’ elf tliet mija u tmienja u hamsin lira u hamsa u sebghin centezmu (Lm1,358.75) bl-imghax mill-31 ta’ Ottubru 2000 lill-atturi Joseph u Maria Cauchi, u dan wara li l-konvenut Taha Hussein Kuynizakir sive Kuymizakis gie lliberat mill-osservanza tal-gudizzju. Din is-sentenza se tigi riprodotta hawnhekk kollha kemm hi billi fiha hemm migjuba t-talbiet kollha ta’ l-atturi, l-eccezzjonijiet li nghataw fil-kawza kif ukoll il-motivazzjoni li wasslet lill-ewwel Qorti li tiddeciedi l-kawza kif iddecidieta hi. Is-sentenza tghid hekk:

“**Il-Qorti.**

“**Preliminari**

“Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha gie premess li favur l-attur jezisti kreditu dovut mill-konvenut u liema debitu hu cert, likwidu u skadut, u kontra din it-talba ghall-hlas tal-istess kreditu ma tezisti l-ebda eccezzjoni la legali u l-anqas fuq il-fatt;

“Peress li dan il-kreditu ammonta ghal Lm8,000 (tmint elef lira) konsenjati bhala depozitu fuq konvenju li baqghu ghand il-konvenut u li dahal responsabbli ghalihom u li qatt ma rritorna minkejja li trasferiment ma sarx, u Lm1,358.75 ta’ hlasijiet li saru mill-atturi fuq xoghol li sar fl-istess fond, u li taghhom assuma r-responsabbilta’ l-konvenut, b’kollox Lm9,358.75 u l-imghaxijiet relativi.

“Peress li ghal dan il-kreditu hija applikabbli c-citazzjoni sommarja, bid-dispensa mis-smiegh u dan skond l-artiklu 167 tal-Kap. 12.

“Jghid il-konenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

“1. Tikkundanna lill-istess konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ Lm8,000 (tmint elef lira) konsenjati bhala depozitu fuq konvenju li baqghu ghand il-konvenut u li dahal responsabbli ghalihom u li qatt ma rritorna minkejja li

trasferiment ma sarx, u Lm1,358.75 ta' hlasijiet li saru mill-atturi fuq xoghol li sar fl-istess fond, u li taghhom assuma r-responsabbilta' l-konvenut, b'kollox Lm9,358.75 u l-imghaxijiet relativi, u dan bid-dispensa tas-smiegh skond kif provdut fl-artiklu 167 tal-Kap. 12.

"Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-31 ta' Ottubru, 2000, tal-mandat ta' inibizzjoni 4321/2000 u bl-imghaxijiet legali fuq l-ammont ta' Lm1,358.75 mit-23 ta' Marzu, 1996 u fuq it-Lm8,000 mill-1 ta' Ottubru, 2000 u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

"Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur a fol. 3 tal-process;

"Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol. 10 tal-process fejn eccepixxa:**

"1. Illi, preliminarjament, l-esponent ma huwiex il-legittimu kontradittur ghat-talbiet attrici u jitlob ghalhekk illi jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez kontra l-istess atturi, stante illi l-istess esponent qatt ma kellu ebda relazzjoni guridika diretta mal-atturi, la fir-rigward tal-konvenju msemmi fic-citazzjoni attrici u lanqas fir-rigward tax-xogholijiet li saru fil-proprjeta' in kwistjoni – liema proprjeta' tappartjeni esklussivament lil certu Hamdi Abdul Al Tulti, illi tieghu l-esponent huwa biss mandatarju;

"2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, kwalsiasi azzjoni diretta fil-konfront tal-esponent hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, stante illi ma huwiex minnu illi l-esponent assuma xi responsabbilta' personali fir-rigward tal-pretensjonijiet attrici, kif jigi ppruvat aktar dettaljatament fil-kors tal-kawza;

"3. Illi, minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjonijiet hawn fuq imressqa, l-esponent umilment jirrileva illi s-somma ta' Lm8,000 gja giet rifuza lill-atturi fil-mori tal-proceduri odjerni;

"4. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, u b'riferenza ghall-pretensjonijiet attrici ghall-hlas ta' xogholijiet li saru fil-proprjeta' in kwistjoni, l-esponent hu

nfurmat illi l-proprjetarju ta' dan l-appartament qatt ma awtorizza l-hlas tal-imsemmija xogholijiet mill-atturi, peress illi ma kienx sodisfatt bix-xoghol ezegwit;

"5. Salv eccezzjonijiet ohra.

"Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

"Semghet ix-xhieda bil-gurament;

"Semghet lill-Avukati difensuri jittrattaw:

"**KONSIDERAZZJONIJIET**

"Fl-ewwel eccezzjoni tieghu l-konvenut eccepixxa li hu mhux il-legittimu kontradittur stante li hu qatt ma kellu ebda relazzjoni guridika diretta ma l-atturi. Il-proprjeta' tappartjeni lil Hamdi Abdul Al Tulti u l-eccipjent kien biss mandatarju. Illi jidher li l-atturi jaqblu li dan hu hekk tant li huma kienu talbu korrezzjoni fl-okkju biex il-konvenut jidher wkoll bhala mandatarju ta' Tulti. Il-konvenut anke esebixxa l-prokura li biha kien qed jagixxi (ara Dok. a fol. 44). Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li dina l-eccezzjoni ghandha tigi milqugha.

"Dwar it-talba ta' l-atturi ghal Lm8,000 imhallsa bhala depozitu fuq il-konvenju, jirrizulta li fil-mori tal-kawza, l-konvenut noe rritorna dana l-ammont lill-atturi. (ara xhieda ta' l-attur a fol. 18 u Dok. a fol. 38). L-attur pero' qed jinsisti li l-konvenut ma hallasx l-imghax u l-ispejjez u li l-konvenut jonqsu jhallas il Lm1,358.75 bl-imghax; imghax fuq it Lm8,000; spejjez legali extragudizzjarji; *bank processing fees* Lm250; *architects fees* Lm400.

"Dwar l-ammont ta' Lm1358.75 dana jirrapprezenta skond l-atturi hlasijiet li saru mill-atturi fuq xoghol li sar fl-istess fond, (ara Dok. 39/40) u li taghhom assuma r-responsabbilta' l-konvenut.

"L-attur xehed li hu kien hallas Lm1,358.75 ghal xoghol ta' mastrudaxxa u l-konvenut kien accetta li jhallsu lura dana l-ammont oltre l-imghax. Dawn kellhom jinqatghu mill-

prezz tal-bejgh tal-flat. In-Nutar Pierre Cassar ikkonferma li l-konvenut kien accetta li jaghmel *set-off* fuq l-ispejjez cjoe parti mill-prezz tal-bejgh tal-flat kellu jitnaqqas ma' l-ispejjez li l-attur qal li ghamel.

"Fuq il-kwistjoni tal-mastrudaxxa, l-konvenut xehed li hu ma kienx involut u ma jafx minn kien qabbdu. Tulti ma kienx qabel li l-mastrudaxxa kellu jithallas billi dan ma kienx ghamel ix-xoghol miftiehem. Hu ezebixxa l-*invoice* li kien baghat il-mastrudaxxa Dok. KK1 u 2 fol. 39/40. Hu kien jaf li l-attur kellu ghamara fil-proprjeta' ta' Tulti u kien anke mar ma' Cauchi jara l-post minn gewwa.

"Tulti xehed li: "He told Mr.Cauchi to take care of his flat. He asked Cauchi to do some work in the flat on his behalf. He had to do some doors for him. He spoke to Anthony Galea and ordered the work. The doors were fixed in his appartment but they were not according to the specifications he gave him.... He dealt directly with Mr. Galea. He never gave Cauchi instructions to pay Galea. When he saw the work in place he told Cauchi that it was not according to specifications and told him to tell Mr.Galea…. He never saw documents at fol. 39/40 before".

"**Tikkunsidra**

"Illi dwar l-ammont pretiz ta' Lm1,358.75 jirrizulta li l-attur kien tqabbad minn Tulti biex jaghmillu xi xoghol fil-flat tieghu u specifikatament kellu jwahhallu xi bibien. L-attur kien hadu ghand wiehed Anthony Galea u Tulti kien ghamel l-ordni u halla depozitu. Tulti ma kienx joqghod Malta permanentement u kellu lill-konvenut bhala prokuratur tieghu fis-sena 2000 (ara Dok. a fol. 44). Illi x-xoghol fuq il-bibien kien tlesta qabel l-1998 (ara Dok. a fol. 39) u jirrizulta li l-kont kien intbghat lill-konvenut (ara xhieda tieghu). Tulti ma kienx ghogbu x-xoghol u ma riedx ihallas lill-mastrudaxxa ghax skond hu x-xoghol ma kienx skond is-*specifications* moghtija. Jirrizulta li dan ix-xoghol gie approvat minn Cauchi (ara Dok. a fol. 39).

“Mhux car jekk dana l-kont thallasx, izda gie pruvat li x-xoghol kien gie ordnat minn Tulti u sar a beneficcju ta’ l-istess Tulti fil-flat tieghu. Inoltre jirrizulta li l-attur kien tqabbad minn Tulti biex jiehu hsieb dana x-xoghol u ghalhekk dan ix-xoghol ghandu jithallas. Jirrizulta wkoll li kien gie anke accettat li jsir *set off* meta jinbiegh il-flat.

“Dwar l-ilment ta’ Tulti li x-xoghol ma kienx skond l-i*specifications*, ma ngabet ebda prova f’dan is-sens u lanqas saret xi kontrotalba biex jigi dikjarat li l-ammont mhux dovut ghax ix-xoghol sar hazin jew difettuz. Apparti li allegazzjoni bhal dina trid issir permezz ta’ azzjoni *ad hoc*.

“Inoltre l-konvenut, bhala mandatarju ta’ Tulti li kien irceva l-kont tal-mastrudaxxa mkien ma jsemmi li hu tah xi ordni lill-attur biex ma jhallasx lil Galea.

“Ghalhekk dina t-talba ghandha tigi milqugha.

“Kwantu ghall-ammonti l-ohra mitluba mill-atturi, dawn ma jirrizultawx fit-talbiet li hemm fic-citazzjoni.

“**DECIZJONI**

“Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi tilqa’ t-talba attrici kif ridotta u tikkundanna lill-konvenut nomine jhallas lill-atturi s-somma ta’ elf tlett mija u tmienja u hamsin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmi (Lm1,358.75); bl-imghax mill-31 ta’ Ottubru, 2000; u kontra l-konvenut noe. Il-konvenut personalment qed jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

**<u>II. L-APPELL</u>**

2. Hamdi Abdul Al Tulti hass ruhu aggravat minn din is-sentneza u appella minnha tramite l-mandatartju tieghu b’rikors ta’ l-appell li gie pprezentat fl-20 ta’ Lulju 2004. Hemmhekk, wara li spjega l-aggravju tieghu, talab li din il-Qorti joghgobha tannulla u tirrevoka d-digriet moghti mill-ewwel Qorti fit-12 ta’ Lulju 2001 li permezz tieghu l-istess Qorti laqghet it-talba ta’ l-atturi sabiex issir korrezzjoni mitluba fir-rikors taghhom tal-21 ta’ Gunju 2001, u minflok,

prevja li tichad l-istess talba ta’ dawn l-atturi, tillibera lill-appellant nomine mill-osservanza tal-gudizzju f’din il-kawza. Fin-nuqqas li tintlaqa’ din l-ewwel talba ta’ l-appellanti, din il-Qorti giet mitluba li tirriforma s-sentenza appellata moghtija fit-30 ta’ Gunju 2004, billi filwaqt li tikkonfermaha inkwantu illiberat lill-konvenut Taha Hussein Kuymizakis personalment mill-osservanza tal-gudizzju, tirrevokaha f’dik il-parti fejn il-konvenut Hamdi Abdul Al Tulti gie kkundannat li jhallas lill-atturi s-somma ta’ elf tliet mija u tmienja u hamsin lira u hamsa u sebghin centezmu (Lm1,358.75) bl-imghax mill-31 ta’ Ottubru 2000, u minflok u prevja li tiddikjara li dan il-konvenut m’huwiex debitur ta’ l-atturi, tichad l-istess talbiet ta’ l-attur fil-konfront ta’ dan il-konvenut, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellati.

3. Fil-process m’hemm l-ebda risposta ta’ l-appell. Madanakollu l-appell gie kkontestat mill-atturi appellati u din il-Qorti semghet it-trattazzjoni orali ta’ l-avukati difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-12 ta’ Marzu 2007, f’liema udjenza il-kawza thalliet ghas-sentenza.

## III. KONSIDERAZZJONIJIET TA’ DIN IL-QORTI

4. Il-fatti li taw lok ghall-kawza fil-qosor kienu dawn: l-atturi kienu se jixtru fond prorjeta` tal-konvenut Hamdi Abdul Al Tulti. Fuq il-konvenju relattiv li sar tramite n-nutar Pierre Cassar, deher ghall-proprjetarju il-konvenut Taha Husseim Kuynizakir sive Kuymizakis. Jidher li l-atturi hallsu fuq il-konvenju s-somma ta’ tmient elef lira (Lm8,000). Jirrizulta li l-bejgh ma sarx minhabba xi mpediment legali u l-atturi istitwew din il-kawza ghar-rifuzjoni ta’ l-imsemmija somma ta’ tmient elef (Lm8,000) imhallsa fuq il-konvenju kif ukoll ghar-rifuzjoni tas-somma ta’ elf tliet mija u tmienja u hamsin lira u hamsa u sebghin centezmu (Lm1,358.75) hlasijiet li l-atturi allegaw li saru fuq *share* li sar fl-istess fond u li taghhom assuma r-responsabbilita` l-konvenut.

5. Ta min isemmi hawn li originarjament il-kawza giet istitwita mill-atturi kontra l-konvenut Taha Husseim Kuynizakir sive Kuymizakis (li minn issa ’l quddiem sejjer jissejjah l-ewwel konvenut). Ic-citazzjoni relattiva giet

prezentata fit-13 ta’ Frar 2001 u giet kontestata mill-ewwel konvenut b’nota ta’ eccezzjonijiet ipprezentata fis-16 ta’ Marzu 2001. L-ewwel eccezzjoni ta’ dan il-konvenut kienet precizament li huwa ma kienx il-leggittimu kontradittur ghat-talbiet ta’ l-atturi ghaliex huwa kien biss il-mandatarju tal-proprjetarju tal-fond in kwistjoni cioe` Hamdi Abdul Al Tulti (li minn issa ’l quddiem se jibda jissejjah it-tieni konvenut).

6. L-ewwel Qorti laqghet din l-eccezzjoni. Madanakollu l-atturi kienu hadu hsieb li fil-21 ta’ Gunju 2001 jipprezentaw rikors fejn talbu li ssir korrezzjoni billi wara l-isem il-konvenut, kull fejn jirrikorri, jizdiedu l-kliem f’ismu proprju u wkoll bala mandatarju ta’ l-assenti Hamdi Abdul Al Tulti. Din it-talba giet opposta mill-ewwel konvenut izda l-ewwel Qorti, b’digriet moghti fit-12 ta’ Lulju 2001, laqghet l-istess talba ta’ l-atturi u ordnat li ssir il-korrezzjoni mitluba. Jirrizulta li qieghed isir appell ukoll minn dan id-digriet u dan ghal ragunijiet spjegati mill-appellant fl-ewwel parti tar-rikors ta’ l-appell tieghu.

7. Irrizulta li t-tmient elef lira (Lm8,000) li kienu thallew bhala depozitu fuq il-konvenju gew rifuzi lill-atturi fil-mori ta’ din il-kawza. Dana jirrizulta kjarament mill-affidavit ta’ l-attur ipprezentat fil-25 ta’ Mejju 2001 u li jinsab a fol. 18 tal-process. Ghalhekk it-talba ta’ l-atturi giet ridotta b’dan l-ammont u baqghet mizmuma ferma ghal somma ta’ elf tliet mija u tmienja u hamsin lira u hamsa u sebghin centezmu (Lm1,358.75) li l-atturi jallegaw li huwa kreditu taghhom dwar hlasijiet li saru mill-atturi fuq xoghol li sar fil-fond meritu tal-konvenju u li taghhom assuma r-responsabbilita` l-konvenut. Din il-pretensjoni ta’ l-atturi giet kontestata mill-konvenuti, izda kif rajna, l-ewwel Qorti bis-sentenza appellata ma laqghetx din l-opposizzjoni u minflok ikkundannat lit-tieni konvenut li jhallas l-istess somma lill-atturi bl-imghaxijiet imsemmija.

9. Qabel ma l-Qorti titratta dan il-meritu jehtieg li din il-Qorti tezamina u tiddeciedi l-aggravju preliminari imsemmi li bazikament qieghed jikkontesta l-korrettezza tad-digriet moghti mill-ewwel Qorti fit-12 ta’ Lulju 2001 u li kopja tieghu tinsab a fol. 25 tal-process. It-tieni konvenut

qieghed jilmenta sostanzjalment li l-ewwel Qorti ma kellhiex is-setgha li ddahhal persuna ohra fil-kawza bhala konvenut tramite l-applikazzjoni ta’ l-Artikolu 175(1) tal-Kap. 12. L-atturi se mai kellhom jitolbu li dan it-tieni konvenut jigi kjamat in kawza b’applikazzjoni ta’ l-Artikolu 961 *et sequitur* tal-Kap. 12. Billi l-ewwel Qorti laqghet it-talba ghal korrezzjoni ta’ l-atti tal-kawza billi kull fejn jirrikorri jizdiedu l-kliem “f’ismu proprju u wkoll bhala mandatarju ta’ l-assenti Hamdi Abdul Al Tulti”, dan il-konvenut gie mcahhad mid-drittijiet tieghu li jressaq l-eccezzjonijiet tieghu jew li jaghmel kontro-talba, kif kieku kien ikollu dritt li jaghmel kieku huwa gie kjamat in kawza minflok ma ddahhal per via ta’ korrezzjoni fl-atti.

10. Dana l-aggravju premilinari m’huwiex gustifikat. Fil-fehma ta din il-Qorti in vista tal-fattispeci partikolari tal-kaz l-ewwel Qorti ma ghamlet xejn li kien legalment skorrett meta laqghet it-talba ta’ l-atturi ghall-korrezzjoni in kwistjoni fl-atti. Dik il-Qorti kellha s-setgha li taghmel dan bis-sahha ta’ l-imsemmi Artikolu 175(1) tal-Kap. 12 li hu wiesgha bizzejjed biex jippermetti lill-Qorti li taghmel il-korrezzjoni li ghamlet fl-atti. Din il-Qorti lanqas tista’ tikkondividi s-sottomissjoni ta’ l-appellant li b’dak li ghamlet il-Qorti huwa gie mcahhad minn xi dritt tad-difiza. Infatti n-nota ta’ l-eccezzjonijiet a fol. 10 tal-process, ezattament fir-raba’ eccezzjoni, l-ewwel konvenut kien prevviggenti bizzejjed li eccepixxa illi l-proprjetarju tal-fond in kwistjoni qatt ma kien awtorizza l-hlas ta’ l-imsemmija xogholijiet mill-atturi, peress li dan l-istess proprjetarju ma kienx sodisfatt bix-xoghol esegwit. Din l-eccezzjoni nghatat wara li kienet diga` nghatat it-tieni eccezzjoni li biha l-ewwel konvenut kien eccepixxa li ma kienx minnu illi huwa kien assuma xi responsabbilita` personali fir-rigward tal-pretensjonijiet attrici. Dawn iz-zewg eccezzjonijiet juru minghajr ebda ombra ta’ dubju li l-ewwel konvenut ha hsieb ikopri t-terren difensjonali kollu involut fil-kawza, kemm ghal dak li kien jirrigwarda lilu personalment, u kemm ukoll ghal dak li kien jirrigwarda l-interessi tat-tieni konvenut. Huwa evidenti li f’dawn ic-cirkostanzi l-aggravju preliminari ta’ l-appellant ma jistax jigi milqugh.

11. Il-Qorti sejra tghaddi issa biex tezamina l-aggravju fuq il-meritu proprju tal-kawza u dana in kwantu t-tieni konvenut gie kkundannat ihallas is-somma ta' elf tliet mija u tmienja u hamsin lira u hamsa u sebghin centezmu (Lm1,358.75) lill-atturi appellati bhala hlasijiet ghal xoghol ta' mastrudaxxa illi huma jallegaw li hallsu fuq mandat ta' l-appellant.

12. L-ilment ta' l-appellant rigward il-mertu jirriduci ruhu sostanzjalment fis-sottomissjoni li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament kompletament zbaljat tal-provi li kellha quddiemha. L-appellant isostni li l-atturi m'ghamlux il-prova mehtiega li huwa kien ta mandat lil Joseph Cauchi sabiex jordna x-xogholjiet in kwistjoni u wisq anqas li jhallas il-mastrudaxxa tax-xogholijiet li jkun wettaq gol-fond. L-appellant jghid li huwa kien qabbad lil Cauchi sabiex isiblu xi mastrudaxxa biex jaghmel ix-xogholijiet ta' bibien mehtiega gol-fond. Cauchi fil-fatt kien introduca lil Anthony Galea ma' l-appellant u fil-fatt l-appellat cioe` t-tieni konvenut stess personalment kien ordna x-xoghol u sahhansitra hallas id-depozitu.

13. Illi huwa risaput li din il-Qorti ta' Revizjoni bhala regola ma tiddisturbax l-apprezzament u l-evalwazzjoni tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti a meno che` ma jintweriex li jezistu ragunijiet serji u gravi bizzejjed li jiddettaw mod iehor. Apparti ragunijiet ohra dan il-principju huwa bazat fuq il-fatt li normalment li l-ewwel Qorti tkun tinsab f'qaghda ahjar minn din il-Qorti li tevalwa x-xiehda billi hija tkun qeghdha tisma', tikkontrolla u tosserva l-komportament tax-xhieda li jkunu qeghdin jixhdu quddiemha.

14. Principju iehor li huwa baziku fil-ligi tal-procedurali taghna huwa li min jallega, ghandu d-dover li jipprova dak li qieghed jallega. Din il-prova trid tkun wahda adekwata u fuq kollox konvincenti. Principju iehor relevanti huwa li ghandha tingieb l-ahjar prova li parti tista' tipproduci in sostenn tal-pretensjoni taghha.

15. Din il-Qorti ghamlet ezami akkurat tal-provi kollha akkwiziti fil-process u rrizultalha s-segwenti:

a) l-atturi jibbazaw il-pretensjoni taghhom ghar-rifuzjoni ta' l-ispejjez li ghamlu fil-fond fuq l-allegazzjoni li l-konvenut kien assuma r-responsabbilita` li jhallas lill-atturi ghal dawn l-ispejjez. Huma ma jibbazawx din il-pretensjoni taghhom fuq li l-attur Joseph Cauchi nghata xi mandat mit-tieni konvenut biex jissorvelja, japprova u jhallas lill-mastrudaxxa ghax-xoghol li kien ghamel fuq il-bibien in kwistjoni.

b) Meta l-attur Joseph Cauchi pprezenta l-affidavit tieghu li jinsab a fol. 18 tal-process, il-kawza kienet istitwita biss fil-konfront ta' l-ewwel konvenut. Dan l-affidavit ta' l-attur huwa ndirizzat biss fil-konfront ta' dan l-ewwel konvenut. Jirrizulta li dan l-ewwel konvenut gie liberat mill-osservanza tal-gudizzju bis-sentenza appellata u fuq din il-kwistjoni ma kien hemm ebda appell incidentali da parti ta' l-atturi appellati.

c) L-uniku xhud li ressqu l-atturi appellati kien in-Nutar Pierre Cassar li xehed a fol. 20 u 21 tal-process. Dan ix-xhud isemmi li l-attur kien semma' l-ispejjez li kien ghamel fil-post wara li sar il-konvenju. Ix-xhud stqarr li l-konvenut kien accetta dawn l-ispejjez u li kien lest li jaghmel *set off* fis-sens li meta jsir il-kuntratt tal-bejgh u xiri ta' l-appartament l-ispejjez in kwistjoni li kien ghamel l-attur kellhom jitnaqqsu mill-prezz tal-bejgh. Fil-fehma tal-Qorti din ix-xiehda ftit li xejn issahhah it-tezi ta' l-atturi ghaliex l-accettazzjoni tal-hlas kienet marbuta mat-tpacija li kellha ssir fil-kaz li jsir il-bejgh, kondizzjoni din m'avveratx ruhha.

d) Nonostante li l-attur fl-istess affidavit a fol. 18 jghid illi l-ewwel konvenut kien assuma r-responsabbilita` li jhallas ghall-ispejjez li huwa kien ghamel fil-fond u li dan id-diskors intqal fil-prezenza ta' l-Avukat Dottor Louis Bianchi, fil-fatt qatt ma ressaq lil dan l-avukat bhala xhud nonostante li ndikah bhala wiehed mix-xhieda tieghu.

e) L-atturi naqsu li jaghmlu l-ahjar prova tal-pagament li allegatament ghamlu lill-mastrudaxxa Anthony Galea. Din il-persuna mhux biss ma gietx imharrka biex tixhed izda lanqas biss indikata bhala xhud mill-atturi.

f) Ghalkemm fl-istess affidavit l-attur jghid li ghandu r-ricevuti kollha dwar il-hlas li kien ghamel tas-somma ta' elf tliet mija u tmienja u hamsin lira u hamsa u sebghin centezmu (Lm1,358.75), l-istess atturi naqsu li jipproducu dawn ir-ricevuti li kienu jikkostitwixxu l-ahjar prova tal-pagament li kienu ghamlu lill-mastrudaxxa.

g) Mix-xiehda tat-tieni konvenut li tinsab a fol. 59 sa 60 tal-process irrizulta li huwa kien inkariga lill-mastrudaxxa Anthony Galea direttament u qatt ma ta ebda inkarigu lill-attur Joseph Cauchi biex japprova jew ihallas lill-mastrudaxxa. Dan it-tieni konvenut xehed *inter alia* hekk:
"I told this person to do some work for me. I went several times to his shop but he was not ready, then one day I found that the doors had been fixed in my apartment but they were not according to the specifications I gave him. I gave him Lm500 on account.

"I dealt directly with Mr Galea. Mr Cauchi was my neighbour and I never gave him instructions to supervise this work and I never gave him instructions to pay."

h) Fir-rikors ta' l-appell tieghu l-appellant jiccita din il-parti mis-sentenza appellata (ara fol. 6 tal-process ta' l-appell):-

"***Mhux car jekk dana l-kont thallasx****, izda gie pruvat li x-xoghol kien gie ordnat minn Tulti u sar a beneficcju ta' l-istess Tulti fil-flat tieghu.* ***Inoltre jirrizulta li l-attur kien tqabbad minn Tulti biex jiehu hsieb dana x-xoghol u ghalhekk dan ix-xoghol ghandu jithallas..."***

L-appellant ikkummenta hekk dwar l-imsemmija silta"

"Illi l-appellant nomine umilment jistqarr illi ma jistax jifhem kif l-ewwel Onorabbli Qorti ghalkemm tesprimi d-dubbju taghha dwar **jekk dan il-kont thallasx**, xorta wahda tordna lill-appellant nomine sabiex ihallas l-istess kont lil terza persuna ossija lill-atturi, illi fl-ebda stadju ta' dawn il-proceduri ma ressqu l-icken prova sew illi kellhom mandat sabiex ihallsu lill-mastrudaxxa ghal xi xogholijiet li kienu saru <u>u sew illi tali hlas kien effettivament sar minnhom</u>. Dwar dan l-ahhar punt, l-appellant nomine

jerga' jissolleva illi l-istess atturi naqsu milli jressqu possibbilment l-aqwa prova mehtiega sabiex isostnu t-talbiet taghhom, li hija specifikament ix-xhieda tal-mastrudaxxa;"

Din il-Qorti ccitat dan il-bran mir-rikors ta' l-appell ghaliex jidhrilha li din il-kritika li saret ghas-sentenza appellata hija wahda f'lokha u gusta.

i) Perplessita` ohra li tohrog mill-provi ta' l-atturi hija din. Fl-affidavit ta' l-attur a fol.18, l-attur jghid li huwa kien hallas il-kont tal-mastrudaxxa fit-23 ta' April 1996. A fol. 39 tal-process hemm kopja ta' kont mahrug mill-mastudaxxa Anthony Galea li jgib id-data tas-7 ta' Mejju 1998. Biha qed jintalab hlas ghal bilanc ta' elf tliet mija u tmienja u hamsin lira u hamsa u sebghin centezmu (Lm1,358.75) kif ukoll interessi ta' sentejn ammontanti ghal mitejn u erbgha u erbghin lira (Lm244). Fuq l-istess kont jinghad "Bill issued on 23.3.96" u "work approved by Mr J. Cauchi". Din il-Qorti tistaqsi: Jekk l-attur kien verament hallas il-kont tal-mastrudaxxa fit-23 ta' April 1996, cioe` xahar wara li l-mastrudaxxa hareg il-kont, x'kienet ir-raguni li l-istess mastrudaxxa rega' hareg il-kont sentejn wara li dan allegatament thallas u fih talab oltre l-hlas tas-somma ta' Lm1,358.75 ukoll l-interessi ta' sentejn ammontanti ghal Lm244. Jista' jkun li tezisti xi forma ta' spjegazzjoni ghaliex sar hekk. Izda fil-process ma hemm l-ebda kjarifika u certament kien dover ta' l-attur li jekk kellu spjegazzjoni, din iforniha lill-Qorti. Jista' jkun wkoll li l-attur Joseph Cauchi kien dahal ghal dawn l-ispejjez in bona fede. Madanakollu xorta wahda din il-Qorti jidhrilha li mill-kumpless ta' dak li inghad aktar qabel f'din is-sentenza, jirrizulta li hemm ragunijiet gravi bizzejjed biex ma tikkondividix l-apprezzament u l-evalwazzjoni tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata. Jirrizulta li l-process fih verzjonijiet konfliggenti u kollox ma' kollox l-atturi appellati ma rnexxielhom jipprovaw sodisfacentement il-pretensjonijiet li ressqu fl-att tac-citazzjoni dwar l-imsemmija somma ta' elf tliet mija u tmienja u hamsin lira u hamsa u sebghin centezmu (Lm1,358.75). Madanakollu s-somma ta' tmient elef lira

(Lm8,000) pretiza mill-atturi fl-att tac-citazzjoni giet imhallsa lilhom lill-konvenut fil-mori tal-kawza.

17. Fl-ahharnett il-Qorti tinnota li s-sentenza appellata ma tat l-ebda provvediment dwar l-ispejjez tal-kawza u evidentement ghal dan in-nuqqas m’hemmx triq ohra hlief li din il-Qorti taghmel tajjeb ghalih u ghalhekk sejra taghti l-provvediment infraskritt.

18. Ghal dawn il-motivi:
a) tichad l-appell li sar mill-appellant fil-konfront tad-digriet moghti mill-ewwel Qorti fit-12 ta’ Lulju 2001;

b) tilqa’ l-kumplament ta’ l-appell ta’ l-appellant al Tulti u ghalhekk tirriforma s-sentenza appellata tat-30 ta’ Gunju 2004 billi tikkonfermaha inkwantu illiberat mill-osservanza tal-gudizzju lill-konvenut Taha Husseim Kuynizakir sive Kuymizakis f’ismu proprju, u tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-konvenut Hamdi Abdul Al Tulti li jhallas lill-atturi s-somma ta’ elf tliet mija u tmienja u hamsin lira u hamsa u sebghin centezmu (Lm1,358.75) bl-imghax mill-31 ta’ Ottubru 2000 u prevja li tilqa’ r-raba’ eccezzjoni tal-konvenut, tichad it-talba ta’ l-atturi kif giet redatta;

c) l-ispejjez ta’ l-ewwel istanza jithallsu kollha mill-atturi appellati;

d) l-ispejjez ta’ din l-istanza jithallsu kwantu ghal hamsa u sebghin fil-mija ($^{75}/_{100}$) mill-atturi appellati u kwantu ghar-rimanenti hamsa u ghoxrin fil-mija ($^{25}/_{100}$) mill-istess appellant Hamdi Abdul Al Tulti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------